IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU.04 - L-ERBGĦA 11 TA' SETTEMBRU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Godwin Grech | Kunsillier |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Matthew Vella | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Assistent Prinċipal |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) iinforma li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Attendenza sħiħa; ma kienx hemm apoloġiji.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa preċedenti *nem com*. Ippropona l-Kunsillier Muscat, issekondat mill-Kunsillier Sciberras.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Fit-8 ta' Awwissu kellu laqgħa ma 5 residenti minn San Pawl tat-Tarġa li tkellmu dwar il-problemi fit-toroq tagħhom u fosthom issuġġerew miżuri ta' kkalmar tat-traffiku, Slow Streets, il-problemi mill-isplussivi tal-barrieri, food trucks fiż-żona. Talabhom biex jibdew jidentifikaw problema problema ħalli jiġu indirizzati wara li jerġgħu jiltaqgħu.

3.2. 9 ta' Awwissu – Laqgħa fil-Kunsill mal-Prinċipal tal-kulleġġ, is-Sur Declis dwar il-problemi tal-iskejjel. Preżenti miegħu kien hemm is-SE, il-Kunsillier Gatt u l-Perit. Tkellmu dwar il-proposti li ressaq il-Kunsill.

3.3. Saret laqgħa ma' residenti f'Baħar iċ-Ċagħaq dwar il-BIS u biex din possibilment tiġi rilokata. Talbu informazzjoni dwat is-CCTV fuq l-istess BIS.

3.4. Matul Awwissu sa qabel il-festa saru diversi laqgħat għall-aħjar kordinazzjoni possibli, inkluż mal-Pulizija, LESA, u għaqdiet konċernati.

3.5. 19 ta' Awwissu suppost saret laqgħa bejn il-Kunsill, TM, IM u l-FTS li però ġiet posposta għall-għada l-20 ta' Awwissu. Attenda l-Viċi Sindku mal-Perit. Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku biex jinforma dwar din il-laqgħa.

3.6. Il-Viċi Sindku spjega li waqt il-laqgħa ta rendikont ta' dak li approva l-Kunsill fir-rigward tal-iskejjel u l-problema tat-traffiku. Tkellem ukoll dwar ix-xogħlijiet ippjanati inkluż it-talba tal-Kunsill biex il-water culvert jikber. Il-Perit ta' TM talbu l-proposti kollha (inkluż disinnji) bil-miktub li però, minkejja li dawn għaddew għandhom, ma kien hemm l-ebda konklużjoni filwaqt li s'issa l-Kunsill għadu bla ebda idea dwar meta se jitwettaq ix-xogħol.

3.7. 20 ta' Awwissu laqgħa mas-Sa Magri.

3.8. 21 ta' Awwissu laqgħa tar-Reġjun – diskussi CCTV's MOU u fondi dwar anzjanità attiva. Diskuss ukoll kif il-Kunsilli Lokali u r-Reġjun jistgħu jaħdmu aħjar.

3.9. 25 ta' Awwissu saret il-quddiesa annwali tal-okkażjoni tal-perjodu tal-Festa li s-Sindku attenda għaliha.

3.10. 1 ta' Settembru – donazzjonijiet lill-MCCF fil-preżenza tal-ET Miriam Spiteri Debono, President ta' Malta. Din saret fil-bini tal-Kunsill minħabba li kien imiss li ssir min-Naxxar Lions iżda dawn m'għandhom post.

3.11. 3 ta' Settembru – Laqgħa mas-Sa Catania milli MAFA dwar il-Young Thinkers Club li qed isir taħt il-patroċinju tal-ET President Emeritus, Marie Louise Coleiro Preca. Permezz ta' dan il-klabb jixtiequ jisimgħu mingħand it-tfal dwar x'jixtiequ mill-Kunsillieri tagħhom u x'jixtiequ li jsir fil-lokalitajiet. Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Muscat jispjega dwar dawn il-laqgħat.

3.12. Il-Kunsillier Andrè Muscat informa li saret it-tieni laqgħa ta' dan il-grupp ta' tfal u l-ewwel waħda li saret fil-Kunsill Lokali. L-attendenza kienet tajba u numeruża u ħarġu ħafna ideat tajbin. Informa li tkellmu wkoll dwar il-Jum Dinji tat-Tfal li jkun fl-20 ta' Novembru u li se jkunu qed jippjanaw xi attivitajiet.

3.13. 4 ta' Settembru – laqgħa mas-Sur Ivan Riolo min-Naxxar Starlites fejn xtaqu l-kollaborazzjoni u l-għajnuna tal-Kunsill. Infurmawh li se ssir l-ewwel logħba tal-1st qualifier u mistiedna hu u l-Kunsillier Brincat.

3.14. 4 ta' Settembru -Laqgħa ma' TM ta' kordinazzjoni dwar it-traffiku qabel jiftħu l-iskejjel ġiet ikkanċellata minn TM dak inhar stess tal-laqgħa.

3.15. 5 ta' Settembru – saret il-laqgħa tas-sottokumitat tat-talbiet u ilmenti.

3.16. Talab lill-Kunsilliera Cuomo biex tinforma dwar konferenza li attendiet għaliha. Hija infurmat li din il-konferenza kienet relatata mal-anzjani u li kienet interessanti ħafna. Kien mgħarraf li l-anzjani qed jiżdiedu fil-lokalitajiet kollha u li hemm aktar ħtieġa biex dawn jingħataw aktar informazzjoni dwar is-servizzi disponibbli għal-anzjani. Infurmat ukoll li se jkun hemm konferenza oħra dwar id-dementia.

3.17. Fid-dawl li għadha kemm għaddiet il-festa ta' Marija Bambina, Is-Sindku rringrazzja lill-organizzaturi kollha u lil dawk li b'xi mod ħadmu biex kellna festa mill-isbaħ. Huwa rringrazzja wkoll lill-pulizija li kkollaboraw bis-sħiħ biex kellna aktar ordni. Is-Sindku informa li kien għaddej kontinwament f'kuntatt kemm mal-organizzaturi kif ukoll mal-forzi tal-ordni minħabba li sal-aħħar mument kien għad hemm min ipprova jmur oltre mill-permess maħruġ mill-Kunsill. Huwa rringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tal-Kunsill fil-*build-up* għall-festa. Informa li l-għada tal-laqgħa kienet programmata laqgħa biex issir evalwazzjoni dwar l-andament bil-għan li sena oħra tkun aħjar.

3.18. PA – 6147/24 għall-iżvilupp ta' dar tal-anzjani fuq art ODZ fi Triq Wied Anġlu f'Birguma – Is-Sindku informa li għalkemm diġà ssemmiet pubblikament, il-pubblikazzjoni ta' din l-applikazzjoni se ssir fit-18 ta' Settembru u kull min jixtieq joġġezzjona se jkollu xahar ċans. Huwa fakkar li naturalment kif inhi l-prassi tal-Kunsill, se nistennew il-kummenti tal-konsulenti, iżda żgur li se noġġezzjonaw partikularment għall-fatt li l-applikazzjoni hija fuq ODZ.

3.19. Is-Sindku informa li kienet waslet stedina mill-Kunsill Lokali ta' Strumyani (Bulgarija) għall-Festival Internazjzoni tal-Folklore. Din hija stedina annwali u qed jistiednu erba ' membri mill-Kunsill. Huwa nforma li kien hemm qbil li jkunu l-Kunsillieri Godwin Grech, Louis Camilleri, Andre' Muscat u Noel Gatt li jattendu. Il-Kunsill se jħallas għat-titjiriet biss u l-kumplament jitħallas minn Strumyani.

3.20. Is-Sinkdu informa li r-Reġjun Tramuntana staqsa, permezz ta' email, jekk il-Kunsill hux se jorganizza cleanups għall-Jum Dinji tat-tindif fl-2 ta' Settembru. Ir-Reġjun se jkun ukoll qed jorganizza numru ta' attivitajiet ta' tindif nhar il-Ħadd, 29 ta' Settembru, flimkien mal-proġett Blue Green Exercise for Wellbeing, iffinanzjat mill-UE, li jiffoka wkoll fuq titjib ambjentali. Ir-Reġjun qed jitlob ukoll ideat jew suġġerimenti dwar siti fil-lokalitajiet li jistgħu jibbenefikaw minn tindif.

3.21. Is-Sindku informa li waslet petizzjoni dwar proġett maġġuri li mdawwar bit-toroq; in-Nafra, Milizzja, Seneskalk, Francis Attard, Konti Manduca, Abate Savoia u Censu Depiro. Huwa fakkar lil-Kunsillera li kienu rċevew din il-petizzjoni ffirmata minn numru kbir ta' nies kemm b'mod *online* u anki fiżikament li titratta l-inkonvenjenza li ilhom isofru r-residenti għal dawn l-aħħar sitt snin u li l-proġett jidher li għadu lura biex jitlesta. Is-Sindku rrimarka li filwaqt li nifhmu li x-xogħol irid isir, mhux aċċettabbli li l-kuntratturi u l-iżviluppaturi ma jieħdux il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex inaqqsu l-inkonvenjent. Għalhekk huwa appella lill-awtoritajiet, speċjalment lill-BCA biex jieħdu l-passi meħtieġa ħalli jitnaqqas l-inkonvenjent.

3.22. F'dan il-mument is-Sindku, f'isem il-Kunsill kollu wassal il-kondoljanzi lill-Kunsillier Marlon Brincat, lill-mara tiegħu u lill-familjari kollha għat-telfien ta' Sonny Gatt, missier il-mara tal-Kunsillier Brincat.

3.23. Is-Sindku f'isem il-Kunsill kollu wassal il-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Karl Gouder, ex-membru Parlamentari, li ħalla din id-dinja ftit jiem qabel.

3.24. Fit-23 ta' Awwissu kellha ssir laqgħa mal-ERA dwar il-bring-in sites iżda ma saritx.

3.25. Is-Sindku irrefera għall-fight night fit-23 ta' Awwissu li saret fil-Pjazza bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali li kienet suċċess kbir. Il-Kunsillier Brincat informa li jixtieq jagħti aktar dettalji u rendikonti tal-ispejjeż fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u se jressaq il-possibiltà li jkun hemm żieda żgħira fl-allokazzjoni biex setgħet issir.

3.26. Is-Sindku informa li kienet waslet email mingħand il-Water Regulatory and Auditing Unit - EHD at Health Regulation fejn qed jitolbuna biex insibu mezzi alternattivi

minflok nużaw ammonti kbar ta' ilma meta naħslu t-toroq minħabba li qed jgħidu li finalment imur fil-baħar u jirrendi l-baħar mhux tajjeb għall-għawm.

3.27. Team building – Is-Sindku informa li qed jaħdem biex isir team building għall-Kunsillieri flimkien mal-istaff. Kien deċiż li din issir fit-8 ta' Novembru 2024.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Is-SE informa li ma kellux mistoqsijiet mill-kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

### A. SKEDA TAL-PAGAMENTI;

**i)** Il-Kunsillier Sciberras iddikjara li għandu konflitt ta' interess. Huwa ma pparteċipax bl-ebda mod f'din il-parti tal-laqgħa.

### B. SKEDA TA' DĦUL;

### C. SKEDA TA' ORDNIJIET;

### D. INFIQ MILL-PETTY CASH;

5.1. Il-Kunsill approva l-iskedi elenkati *nem com* fuq proposta tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Brincat.

5.2. Il-Kunsilliera Cuomo infurmat li kellha stedina għal konferenza dwar l-anzjani u kuxjenza dwar id-dimentia u bħala kunsillier responsabbli minn dan is-settur xtaqet li tattendi. Il-Kunsill qabel u qabel li jħallas għall-miżata stabbilita.

## 6. MINUTI TAL-LAQGĦA TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U L-LMENTI;

6.1. Il-Kunsill approva dawn il-minuti *nem com*. Ippropona l-Kunsillier Brincat u ssekonda l-Kunsillier Sciberras.

## 7. ID-DEĊIŻJONI DWAR L-GĦELUQ TAL-PJAZZA FIL-ĦDUD;

7.1. Is-Sindku semma li kien sar studju minn Dr Marmara dwar x'jixtiequ r-residenti fejn kien hemm ħafna li xtaqu jgawdu l-pjazza iżda kienu konċernati minħabba t-traffiku. Huwa esprima li jekk hemm ix-xewqa jerġa jintalab jiġi jispjega. Informa li s-SE għaddielu l-aktar informazzjoni aġġornata dwar is-suġġett u li kien hemm il-ħtieġa ta' xogħlijiet fil-pjazza, inkluż it-tkabbir tal-bankina quddiem l-istatwa tal-Karmnu, ċaqlieq taż-żebra crossing u l-bini ta' central refuge fiz-zebra crossing ta' Vjal il-Labour (quddiem il-każin tal-Peace) sabiex tkun tista' tiġi b'mod permanenti (għeluq kull nhar ta' Ħadd).

7.2. Fid-dawl li l-Kunsill ma kellux pjan u baġit għal dan ix-xogħol f'din is-sena u meta tqis li iċ-ċaqlieq taż-żebra crossing se joħloq problemi ta' aċċessibiltà, is-Sindku rrakomda li għalissa dan il-ħsieb jiġi sospiż però esprima qbil li jsiru attivitajiet fil-pjazza, biex b'hekk ikun hemm raġun għall-għeluq tal-Pjazza. Dwar dan huwa talab lill-Kunsillieri biex jagħtu ideat u jorganizzaw attivitajiet relatati mas-settur tagħhom, bħal sport, kutlura, annimali, etc. u idealment ikun hemm kalendarju ta' attivitajiet. Jemmen li pjan xieraq ir-residenti japprezzaw u jattendu.

7.3. Il-Kunsillier Brincat jemmen li d-deċiżjoni tal-Kunsill li tingħalaq il-Pjazza kull nhar ta' Ħadd għandha tibqa' ħalli titgawda mill-pubbliku.

7.4. Wara diskussjoni miftuħa mill-membri kollha tal-Kunsill il-Kunsill qabel li għandhom isiru pelican crossings. Kien espress il-ħsieb ukoll li l-Kunsill jaħdem fuq il-pjan tal-pjazza kif kien propost għaliex anki meta jkun hemm xi attività, kien importanti li l-immaniġġjar tat-traffiku jkun tajjeb.

7.5. Is-Sindku talab li jibda jiġi diskuss is-suġġett li jmiss għaliex huwa wkoll relatat.

## 8. IX-XOGĦLIJIET FIL-PJAZZA U L-LOKAZZJONI TAL-FUNTANA;

8.1. B'riferenza għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-pjazza mill-MTA, Is-Sindku informa li rċivejna korrispondenza mill-kurja ta' Malta jitolbuna biex nistabilixxu post alternattiv għall-funtana li hemm fil-Pjazza.

8.2. Minn naħa tal-MTA, infurmawna li jekk il-funtana titpoġġa fejn hemm il-ħamrija quddiem l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, ikunu jistgħu jgħaddu l-konnessjoni meħtieġa biex tibda titħaddem immedjatament.

8.3. Is-Sindku kien ukoll ikkonsulta mal-għaqdiet u dawk kollha li laħqu wieġbu kienu jaqblu li għandu tiġi mneħħija u mpoġġija post ieħor.

8.4. Is-Sindku talab viżwali ta' x'qed jipproponu u li ġew murija lill-Kunsillieri kollha biex jifhmu aħjar. Ġew murija wkoll bankijiet proposti u l-post fejn għandhom isiru.

8.5. F'dan il-ħin issemmiet il-propsta tal-kunsill biex ikun hemm parkeġġ taħt l-iskola Primarja. Il-Prinċipal kien semma li kien hemm problema minħabba li intalbu jżommu l-faċċata iżda qed jistennew risposta għal proposta min-naħa tagħhom li tiżżarma l-faċċata u tiġi nnumerata ħalli terġa tinbena kif kienet.

8.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta li tiċċaqlaq il-funtana sakemm tibqa' tiffunzjona, isiru l-bankijiet u jiġu rilokati l-pjanti u s-siġar.

## 9. SATELLITE GROUPS GĦAŻ-ŻONI;

9.1. Il-Kunsill qabel fuq proposta tas-Sindku biex ikunu ffurmati gruppi satelliti fiż-żoni kollha tan-Naxxar biex b'hekk ikun hemm aktar komunikazzjoni u l-Kunsill ikun jaf xi problemi hemm f'kull żona. Is-Sindku jkun qed imexxi dawn il-gruppi.

9.2. Se jkun gruppi għaċ-Ċentru, għas-Sgħajtar, il-Magħtab, San Pawl tat-Tarġa, Birguma, Salina u żona tal-iskejjel.

9.3. Il-Kunsill qabel.

## 10. REGOLAMENTI DWAR ATTIVITAJIET ORGANIZZATI;

10.1. Fuq talba tas-Sindku, is-SE ressaq proposta għal kundizzjonijiet li jorbtu lid-detenturi ta' permessi għall-attivitajiet organizzati.

10.2. Wara diskussjoni il-Kunsill approva ilkundizzjonijiet hekk kif assnessi f' F.

## 11. CCTV'S;

11.1. Kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa, is-Sindku u l-kunsillier Gatt evalwaw din il-proposta u flimkien ippropnew dawn is-siti li ġejjin;

11.2. Il-Kunsillier Brincat talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. It-talba intlaqgħet. Il-ħin kien it-19:30

- **a.** Triq il-Mosta ma' Vjal il-21 ta' Settembru;
- **b.** Triq San Pawl (fl-inħawi tal-Welbees Supermarket);

**c.** Triq l-Imdina ma' Triq is-Salib;

**d.** Triq San Pawl lejn Triq il-Għargħur;

11.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir it-talba għal dawn l-erba' siti.

## 12. KONTINWAZZJONI TAS-SUĠĠETT DWAR L-GĦELUQ TAL-PJAZZA FIL-ĦDUD.

12.1. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandu jiġi Dr Vincent Marmara biex jispjega aħjar l-istudju li kien sar.

12.2. Kien hemm qbil li għandu jsir l-immaniġġjar tat-traffiku kif propost ħalli jservi għal kull meta tingħalaq il-pjazza.

12.3. Is-Sindku għamilha ċara li bħala decision makers għandhom responsabbiltà li jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet u li l-Kunsill jara x'inhu l-aktar ta' ġid għar-residenti, inkluż li jipprova joffri arja aħjar għar-residenti.

12.4. Kien maqbul li wara li jsir ix-xogħol relatat mal-immaniġġjar tat-traffiku jibda jkun hemm l-għeluq iżda s-Sindku għamilha ċara li jekk dan ma jaħdimx wara li jkun hemm prova fuq numru ta' ġranet, il-Kunsill m'għandux joqgħod lura milli jirrevedi u jibdel kif meħtieġ.

## 13. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

13.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa kien hemm qbil li fit-8 ta' Novembru ssir attività ta' team building bejn il-Kunsillieri u l-uffiċjali kollha tal-Kunsill.

13.2. Il-Laqgħa nitemmet fit-19:46.

13.3. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2024 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

# Naxxar Local Council

**Petty Cash Aug 2024**

| For 01/08/2024 through 30/08/2024 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| | | | | | |
| 01/08/2024 | Spiral | 2 stickers-arrows | | €7.08 | 050/24 |
| 05/08/2024 | Olimpus | 3mtrs cable | | €12.50 | 051/24 |
| 05/08/2024 | Valentino Brothers | Extension of conference table | | €41.20 | 052/24 |
| 06/08/2024 | Smart Supermarket | Groceries | | €19.42 | 053/24 |
| 07/08/2024 | Epic | Change of SIM for ES | | €10.00 | 054/24 |
| 23/08/2024 | Spiral | 20 stickers-barrier | | €23.60 | 055/24 |
| 28/08/2024 | Maria Colette | 1 glass for frame | | €3.00 | 056/24 |
| 30/08/2024 | Splendid | 1 kettle for LC office | | €29.50 | 057/24 |
| | | Return to flaot | 146.3 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | **€346.30** | **€146.30** | |

Charmaine Calleja
03/09/2024

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Income List for the month of August 2024**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | Other Government Income | |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0015 | Other Government Income | |
| 0020 | Commercial/directional signs | |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | |
| 0023 | Cultural Activities | |
| 0024 | Football ground hire | |
| 0025 | Skip Permit | €100.92 |
| 0026 | Crane Permit | €6,058.32 |
| 0027 | Kiosk Permit | €721.99 |
| 0028 | Outside Activity permit | €81.55 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €1,774.29 |
| 0031 | Hire of Council Hall | |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €628.72 |
| 0033 | #N/A | |
| 0036 | Contraventions | |
| 0067 | #N/A | |
| 0110 | #N/A | |
| 0121 | Advertising | |
| 0125 | Trenching permits | |
| 0200 | Debtors | |
| 4006 | Contractors guarantees | €460.00 |
| 4007 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| | **TOTAL** | **€9,825.79** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 55147 |
| | To | 55709 |

**List prepared by Charmaine Calleja** 03 September 2024

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of August 2024** **01/09/2024**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 02/08/2024 | 143/24 | The Sign Factory | Change in name in 2 locations | 45.00 |
| 05/08/2024 | 144/24 | Bitmac Works Ltd | 12 bags of instant road repair | 96.29 |
| 05/08/2024 | 145/24 | Paramount Garage | August Day Centre Outing | 141.60 |
| 05/08/2024 | 146/24 | B. Grima & Sons Ltd. | 8 Ground sockets | 566.40 |
| 06/08/2024 | 147/24 | Pama Supermarket | Cleaning and office supplies | 94.65 |
| 07/08/2024 | 148/24 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 349.28 |
| 09/08/2024 | 149/24 | MD Finishes | Rooftop maintenance works | 5900.00 |
| 12/08/2024 | 150/24 | Linea Due Arredamenti | Conference table and TV unit | 4750.00 |
| 12/08/2024 | 151/24 | Archway Ironmongery | Ironmongery items as needed | 665.93 |
| 13/08/2024 | 152/24 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 657.26 |
| 13/08/2024 | 153/24 | JM Skips | Skip for LC roof | 80.00 |
| 13/08/2024 | 154/24 | Longbow Ltd | 2 boxes (6X150M each box) Hand Towel Rolls -2 PLY | 132.54 |
| 16/08/2024 | 155/24 | Dolceria Appettitosa | Catering for MCCF event 1.9.2024 | |
| 20/08/2024 | 156/24 | JM Skips | Skip for LC roof | 80.00 |
| 21/08/2024 | 157/24 | Richie's Ironmongery | 20 solar reflectors for barriers | 350.00 |
| 21/08/2024 | 158/24 | Bitmac Works Ltd | 12 bags of instant road repair | 96.29 |
| 22/08/2024 | 159/24 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 879.10 |
| 22/08/2024 | 160/24 | Urban Furniture Malta | traffic mirrors needed | 232.46 |
| 27/08/2024 | 161/24 | Floreal Home | Flowers MCCF Event | 112.10 |
| 27/08/2024 | 162/24 | Richie's Ironmongery | 60 water barriers | 2159.40 |
| 27/08/2024 | 163/24 | S&R Handaq Ltd | black paint needed | 74.58 |
| 30/08/2024 | 164/24 | 242.group | 5 signs -No access to Pjazza | 630.00 |
| 30/08/2024 | 165/24 | Paramount Garage | September Day Centre Outing | 141.60 |
| 30/08/2024 | 166/24 | Vanessa Portelli | Pilates Classes covering from June, 2024 till August, 2024 | 708.00 |
| 30/08/2024 | 167/24 | George Brincat | Yoga Classes covering from June, 2024 till August, 2024 | 600.00 |

KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR

05 ta' Settembru, 2024

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 9/04

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2024 fis-18:00.

Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

Importanti tkunu fil-ħin.

*(IFFIRMATA)*

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 9/4

1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapporti finanzjarji:

   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta' dħul;
   c. Skeda ta' ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;

6 Minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u l-Lmenti;

7 Id-deċiżjoni dwar l-għeluq tal-Pjazza fil-Ħdud;

8 Ix-xogħlijiet fil-pjazza u l-lokazzjoni tal-funtana;

9 Satellite groups għaż-żoni;

10 Regolamenti dwar attivitajiet organizzati;

11 CCTV's;

12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Regolamenti għal attivitajiet organizzati minn terzi**

*Fejn hu indikat bir-riferenza "Art. 11 ..." ifisser li dan hu skont kif tispeċifika l-liġi.*

- Ċertifikat mingħand eletriċista liċenzjat li l-apparat ikun ħieles minn kull periklu (Jekk se jintużaw sistemi bl-elettriku) - Art. 11 (6) (e)
- Konferma li l-ġenerator huwa silenzjuż u ma jdaħħanx (jekk applikabbli) - Art. 11 (6) (f) (i)
- Jaċċetta li jassumi r-responsabbiltà jekk il-generator jikkawża danni lil terzi. - Art. 11 (6) (f) (ii)
- Ma jista' jinbiegħ l-ebda xorb alkoħoliku u ebda prodott tat-tabakk lil persuni taħt is-17-il sena. - Art. 11 (8) (a)
- Xorb alkoħoliku ma jistax ikun servut fi fliexken tal-ħġieġ iżda f'tazzi ta' materjal bio-degradabbli jew tal-kartun - Art. 11 (8) (aa)
- Iżomm iż-żona nadifa f'kull ħin - Art. 11 (8) (b)
- Għandu jkollu reċipjenti għar-rimi ta' skart b'mod separat u f'għadd adegwata. Ir-reċipjenti għandhom ikunu skont il-kuluri stabbiliti ta' skart riċiklabbli u li jkollhom tabelli li jindika x'tip ta' skart jista' jintrema. - Art. 11 (8) (b) -reċipjanti għal skart riċiklabbli miżjuda.
- Għandu jkollu sistema tat-tifi tan-nar adegwata u suffiċjenti (Fire extinguishers) - Art. 11 (8) (ċ)
- Għandu jipprovdi traffic management plan.
- Għandu jipprovdi risk-assessment report.
- Għandu jipprovdi d-dettalji tal-kuntrattur/individwi li jkunu tqabbdu biex inaddfu eżatt kif tispiċċa l-attività u konferma mill-kuntrattur/individwi li se jnaddfu.  Dan jinkludi t-tneħħija tal-boroż bl-iskart u tbattil tar-reċipjenti kollha tal-iskart, inkluż dawk fissi.
- Għandu jitħallas depożitu ta' Eur116.47 biex jagħmel tajjeb għall-eventwalità li l-applikant ma jnaddafx tajjeb u  l-Kunsill inaddaf a spejjeż tad-detenturi. - Art. 11 (10)
- Għandu jkollu polza tal-assikurazzjoni
- Għandhom jitwaħħlu t-tabelli neċessarji inkluż ta' no parking u dawk mal-Bus stops biex jindikaw li hemm tibdil fit-trasport pubbliku.
- Wara li tintemm l-attività għandu jiżżarma kull armar u apparat (ħlief jekk maqbul differenti mal-Kunsill)
- It-toroq għandhom jinfetħu immedjatament wara li jiżżarma kollox.
- Kull kundizzjoni oħra li l-Pulizija tista' titlob.

**Noti:**  Dawn huma regoli ġenerali u għandhom japplikaw meta l-attività tkun kbira u tinkludi spettakli u jew ikel u xorb. Però wieħed jifhem li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li jitolbu ċertu flessibiltà speċjalment fejn jirrigwardjaw għaqdiet lokali għal attivitajiet li ma jinvolvux affarijiet kbar, bħal per eżempju car show u attivitajiet żgħar oħrajn.

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgha nr 9/04

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: Mil-1 t'Awwissu 2024 sal-4 ta' Settembru 2024

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €257.50 | €257.50 | T | PF | Review of planning applications - July 24 | 31/07/2024 | 4428 | n/a | n/a | 3190 |
| 2 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for July 2024 | 30/07/2024 | 2018-5748 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Aug 2024 | 30/08/2024 | 2018-5851 | n/a | n/a | 3190 |
| 4 | Apcopay | €26.42 | €0.00 | NA | PF | Bov transactions for July 2024 | 13/08/2024 | 24124 | n/a | n/a | 3035 |
| 5 | Archway | €94.19 | €94.19 | K | PF | Ironmongery items as needed | 10/07/2024 | 41574 | 139/24 | 139/24 | 2210 |
| 6 | Arms | €590.87 | €590.87 | NA | PF | Bill for LC office (12.6-3.7.2024) | 29/07/2024 | 38841581 | n/a | n/a | 2150 |
| 7 | Arms | €130.54 | €130.54 | NA | PF | Bill for Garage Hal Dghejf (5.5-9.7.24) | 17/07/2024 | 38785364 | n/a | n/a | 2130 |
| 8 | Arms | €187.16 | €187.16 | NA | PF | Bill for Old Mill (4.5-5.7.24) | 20/08/2024 | 38946853 | n/a | n/a | 2130 |
| 9 | Arms | €62.98 | €62.98 | NA | PF | Bill for Triq il-Mithna (12.5-19.7.24) | 23/08/2024 | 38965653 | n/a | n/a | 2130 |
| 10 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | K | PF | Football ground guardian July 2024 | 31/07/2024 | 3385 | n/a | n/a | 3191 |
| 11 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | K | PF | Football ground guardian Aug 2024 | 31/08/2024 | 3386 | n/a | n/a | 3191 |
| 12 | B.Grima & Sons Ltd | €566.40 | €566.40 | K | PF | Supply of ground sockets | 07/08/2024 | 10015070 | 146/24 | 146/24 | 7101 |
| 13 | B.Grima & Sons Ltd | €349.28 | €349.28 | K | PF | Signs and brackets | 12/08/2024 | 10015075 | 148/24 | 148/24 | 2313 |
| 14 | Bitmac | €80.24 | €80.24 | K | PF | Instant road repair | 01/08/2024 | 150932 | 142/24 | 142/24 | 2311 |
| 15 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 05/08/2024 | 151199 | 144/24 | 144/24 | 2311 |
| 16 | Bitmac | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 29/08/2024 | 152581 | 158/24 | 158/24 | 2311 |
| 17 | Briiz | €1,472.35 | €1,472.35 | K | PF | Cleaning of public conv Triq tal-Labour Aug 24 | 31/08/2024 | 67947 | n/a | n/a | 3053 |
| 18 | George Brincat | €600.00 | €600.00 | K | PF | Yoga Classes covering from June, 2024 till August, 2024 | 02/09/2024 | 2.9.24 | 167/24 | 167/24 | 3381 |
| 19 | Grace Camilleri | €314.88 | €314.88 | NA | PF | Librarian services for July 2024 | 31/07/2024 | | n/a | n/a | 2995 |
| 20 | Grace Camilleri | €275.52 | €275.52 | NA | PF | Librarian services for August 2024 | 31/08/2024 | | n/a | n/a | 2995 |
| 21 | Cassar Airconditioning Systems | €2,632.31 | €2,632.31 | K | PF | 55000 BTU a/c for LC hall | 02/08/2024 | 55301 | 116/24 | 116/24 | 7511 |
| 22 | Benjamin Cilia | €2,370.62 | €2,370.62 | T | PF | Handyman service for July 2024 | 01/08/2024 | | n/a | n/a | 3125 |
| 23 | Benjamin Cilia | €342.20 | €342.20 | D | PF | Galvanising of piazza planters | 25/07/2024 | 24 | n/a | n/a | 2360 |
| 24 | Benjamin Cilia | €5,457.50 | €5,457.50 | T | PF | Non urban cleaning for April, May, June 2024 | 25/07/2024 | 125 | n/a | n/a | 3052 |
| 25 | Benjamin Cilia | €2,133.56 | €2,133.56 | T | PF | Handyman service for Aug 2024 | 03/09/2024 | | n/a | n/a | 3125 |
| 26 | Doi | €20.00 | €20.00 | NA | PF | Gov gazette re event on 23.8.2024 | 01/08/2024 | | n/a | n/a | 2940 |
| 27 | Doi | €20.00 | €20.00 | NA | PF | Gov gazette re event on 31.8.2024 | 08/08/2024 | | n/a | n/a | 2940 |
| 28 | Epic | €75.81 | €75.81 | NA | PF | Bill for 79404014 for July 24 | 01/08/2024 | 13475205082024 | n/a | n/a | 2160 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

__________________
Dr Chris Deguara
Sindku

__________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

__________________
Proponent

__________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mil-1 t'Awwissu 2024 sal-4 ta' Settembru 2024

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Epic | €51.26 | €51.26 | NA | PF | Bill for 99370990 for July 24 | 01/08/2024 | 13475541082024 | n/a | n/a | 2160 |
| 30 | Eworld | €171.78 | €171.78 | D | PF | Replacing defaulted keyboard for Rodianne's- laptop | 31/05/2024 | 20012261 | 106/24 | 106/24 | 2330 |
| 31 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping for August 2024 - extra - | 31/08/2024 | 320 | n/a | n/a | 3051 |
| 32 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Street sweeping for August 2024 | 31/08/2024 | 319 | n/a | n/a | 3051 |
| 33 | GO plc | €40.01 | €40.01 | NA | PF | Rental and usage for 21416341 July 24 | 01/08/2024 | 92583270 | n/a | n/a | 2160 |
| 34 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Aug 24 | 01/08/2024 | 92583273 | n/a | n/a | 2160 |
| 35 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21417224 Aug 24 | 01/08/2024 | 92583286 | n/a | n/a | 2160 |
| 36 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Lampara | 07/08/2024 | g. 3052 | n/a | n/a | 4006 |
| 37 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Vjal 21 ta' Settembru | 06/08/2024 | g. 29952 | n/a | n/a | 4006 |
| 38 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Kbira | 19/08/2024 | g.34988 | n/a | n/a | 4006 |
| 39 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Huggiega | 27/08/2024 | g. 1581 | n/a | n/a | 4006 |
| 40 | Image Systems | €118.14 | €118.14 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox July 24 | 30/07/2024 | 580525 | n/a | n/a | 2160 |
| 41 | Inland Revenue Dept | €4,891.36 | €4,891.36 | NA | PF | FSS & NI for August 2024 | 03/09/2024 | | n/a | n/a | 1500 |
| 42 | JM Skips | €507.40 | €507.40 | K | PF | Skip for roof and hookloader for Torri tal-Kaptan | 30/04/2024 | 2024-0153 | 059/24 | 066/24 | 2375 |
| 43 | Kumitat Festi Esterni | €130.00 | €130.00 | K | PF | Riklam ktieb tal-Festa 2024 | 24/08/2024 | | 104/24 | 104/24 | 2940 |
| 44 | Lesa | €8.15 | €8.15 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Mar 2023 | 01/08/2024 | 22-003722 | n/a | n/a | 3610 |
| 45 | Lesa | €4.66 | €4.66 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Feb 2023 | 01/08/2024 | 22-003520 | n/a | n/a | 3610 |
| 46 | Lesa | €53.57 | €53.57 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Jan 2023 | 01/08/2024 | 22-003489 | n/a | n/a | 3610 |
| 47 | Lesa | €3.49 | €3.49 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Nov 2022 | 01/08/2024 | 22-003568 | n/a | n/a | 3610 |
| 48 | Lesa | €7.32 | €7.32 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Dec 2022 | 01/08/2024 | 22-003660 | n/a | n/a | 3610 |
| 49 | Lesa | €6.99 | €6.99 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA June 2023 | 01/08/2024 | 22-004654 | n/a | n/a | 3610 |
| 50 | Lesa | €31.46 | €31.46 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Aug 2023 | 01/08/2024 | 22-005475 | n/a | n/a | 3610 |
| 51 | Lesa | €29.12 | €29.12 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Sept 2023 | 01/08/2024 | 22-005744 | n/a | n/a | 3610 |
| 52 | Lesa | €13.98 | €13.98 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Oct 2023 | 01/08/2024 | 22-006218 | n/a | n/a | 3610 |
| 53 | Lesa | €12.81 | €12.81 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Nov 2023 | 01/08/2024 | 22-006523 | n/a | n/a | 3610 |
| 54 | Lesa | €4.67 | €4.67 | NA | PF | 10% Admin Fee on tickets pd by LESA Mar 2024 | 01/08/2024 | 22-007913 | n/a | n/a | 3610 |
| 55 | Lesa | €368.00 | €368.00 | NA | PF | Wardens assistance re Mithna inauguration Apr 23 | 01/08/2024 | 22-004366 | n/a | n/a | 3630 |
| 56 | Lesa | €452.00 | €452.00 | NA | PF | Wardens assistance re event in piazza Apr 23 | 01/08/2024 | 22-004367 | n/a | n/a | 3630 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

__________________ Dr Chris Deguara, Sindku

__________________ Paul Gatt, Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

__________________ Proponent

__________________ Sekondant

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgha nr 9/04

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-1 t'Awwissu 2024 sal-4 ta' Settembru 2024**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Lesa | €244.00 | €244.00 | NA | PF | Wardens assistance re mobility event Nov 23 | 01/08/2024 | 22-006618 | n/a | n/a | 3630 |
| 58 | Lesa | €300.00 | €300.00 | NA | PF | Wardens assistance re Mithna inauguration Apr 23 | 01/08/2024 | 22-004365 | n/a | n/a | 3630 |
| 59 | Lesa | €1,650.20 | €1,650.20 | NA | PF | Wardens assistance in Festa 2022 | 01/08/2024 | 22-002554 | n/a | n/a | 3630 |
| 60 | Lesa | €936.60 | €936.60 | NA | PF | Wardens assistance in Naxxar Lions event on 31.8.24 | 07/08/2024 | EST 000459 | n/a | n/a | 3630 |
| 61 | Lesa | €257.60 | €257.60 | NA | PF | Wardens assistance in Combat sports event on 23.8.24 | 09/08/2024 | EST 000451 | n/a | n/a | 3630 |
| 62 | Lesa | €2,268.00 | €2,268.00 | NA | PF | Wardens assistance in Naxxar Festa 2024 | 14/08/2024 | EST 000470 | n/a | n/a | 3630 |
| 63 | Lesa | €214.20 | €214.20 | NA | PF | Wardens assistance in closure of 3/9/2024 | 03/09/2024 | EST 000492 | n/a | n/a | 3630 |
| 64 | Lesa | €19.60 | €19.60 | NA | PF | Wardens assistance in Naxxar Festa 2024 | 03/09/2024 | Inv 010865 | n/a | n/a | 3630 |
| 65 | Longbow | €156.40 | €156.40 | K | PF | Hand towels for LC supplies | 13/08/2024 | 399196 | 154/24 | 154/24 | 2670 |
| 66 | Master Cellars | €131.75 | €131.75 | K | PF | Red and white wine needed for Jum il-Hatra 3/7/24 | 02/07/2024 | RSIN0009934 | 129/24 | 129/24 | 3360 |
| 67 | MD Finishes | €5,900.00 | €5,900.00 | K | PF | Rooftop maintenance works | 30/08/2024 | 5000093 | 149/24 | 149/24 | 2375 |
| 68 | Melita Limited | €217.35 | €217.35 | D | PF | Internet service for different locations Aug 24 | 01/08/2024 | 117304102 | n/a | n/a | 2160 |
| 69 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | W262 Triq il-Musbieh | 08/08/2024 | 12926 | n/a | n/a | 3065 |
| 70 | Micamed | €23.60 | €23.60 | T | PF | W137 n/s in Triq il-Markiz Scicluna | 22/08/2024 | 12959 | n/a | n/a | 3065 |
| 71 | Micamed | €94.40 | €94.40 | T | PF | R002 Misrah San Pawl | 22/08/2024 | 12954 | n/a | n/a | 3065 |
| 72 | Micamed | €552.83 | €552.83 | T | PF | W185 Triq Hal Dghejf | 22/08/2024 | 12946 | n/a | n/a | 3065 |
| 73 | Micamed | €552.83 | €552.83 | T | PF | W437 Triq Leli Falzon | 30/08/2024 | 12966 | n/a | n/a | 3065 |
| 74 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | W313 Triq il-Germanja | 30/08/2024 | 12969 | n/a | n/a | 3065 |
| 75 | Micamed | €493.83 | €493.83 | T | PF | W247 Triq il-Bjad | 30/08/2024 | 12962 | n/a | n/a | 3065 |
| 76 | Victor Mula | €2,031.96 | €2,031.96 | T | PF | Handyman service for Aug 2024 | 03/09/2024 | | n/a | n/a | 3125 |
| 77 | Victor Mula | €2,167.42 | €2,167.42 | T | PF | Handyman service for July 2024 | 01/08/2024 | | n/a | n/a | 3125 |
| 78 | Pama supermarket | €83.03 | €83.03 | K | PF | Cleaning and office supplies | 09/08/2024 | 232408097 | 147/24 | 147/24 | 2670 |
| 79 | Paramount | €383.50 | €383.50 | K | PF | Transport services for July 2024 | 29/08/2024 | 10013695 | 012/24 | 140/24 | 2720 |
| 80 | Peace Band Club | €130.00 | €130.00 | K | PF | Riklam ktieb tal-Festa 2024 | 24/07/2024 | | 103/24 | 103/24 | 2940 |
| 81 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for Aug 2024 | 31/08/2024 | 24/046 | 015/24 | 015/24 | 3160 |
| 82 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for July 2024 | 31/07/2024 | 24/044 | 015/24 | 015/24 | 3160 |
| 83 | Piscopo Gardens | €76.70 | €76.70 | K | PF | Plants maintenance for August 2024 | 30/08/2024 | 12199 | 183/23 | 183/23 | 3060 |
| 84 | Vanessa Portelli | €354.00 | €354.00 | K | PF | Pilates Classes - July-Aug 2024 | 26/08/2024 | nr 2 | 166/24 | 166/24 | 3381 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

_________________ Dr Chris Deguara
Sindku

_________________ Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

_________________
Proponent

_________________
Sekondant

Kunsill Lokali: In-Naxxar



**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mil-1 t'Awwissu 2024 sal-4 ta' Settembru 2024

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 85 | Regjun Tramuntana | €13,460.50 | €13,460.50 | NA | PF | Mixed waste and organic waste tipping fees June 24 | 09/08/2024 | 510T | n/a | n/a | 3040 |
| 86 | Regjun Tramuntana | €3,601.10 | €3,601.10 | NA | PF | 9 domestic waste coll and cemetery mixed waste June 24 | 05/08/2024 | 510C | n/a | n/a | 3041 |
| 87 | Richie's Ironmongery | €350.00 | €350.00 | K | PF | 20 solar reflectors for barriers | 22/08/2024 | 13673AA | 157/24 | 157/24 | 2313 |
| 88 | Simply Clean | €136.29 | €136.29 | T | PF | Mithna cleaning for July 24 | 06/08/2024 | 346 | n/a | n/a | 3060 |
| 89 | Simply Clean | €847.48 | €847.48 | T | PF | Cleaning of LC office for July 2024 | 03/08/2024 | 335 | n/a | n/a | 3055 |
| 90 | Simply Clean | €3,398.99 | €3,398.99 | T | PF | Bulky refuse service for July 2024 | 06/08/2024 | 348 | n/a | n/a | 3042 |
| 91 | Simply Clean | €2,709.28 | €2,709.28 | T | PF | Bulky refuse service for Aug 2024 | 03/09/2024 | 367 | n/a | n/a | 3042 |
| 92 | Mark Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening Services for July 2024 | 31/07/2024 | 1703 | n/a | n/a | 3061 |
| 93 | Talexio | €2.36 | €2.36 | NA | PF | Additional councillors for July 24 payroll | 31/07/2024 | TLX-12758 | n/a | n/a | 3190 |
| 94 | Talexio | €2.36 | €2.36 | NA | PF | Additional councillors for Aug 24 payroll | 31/08/2024 | TLX-13007 | n/a | n/a | 3190 |
| 95 | TCTC | €800.00 | €800.00 | A | PF | Innovazzjoni Digitali Summer 2024 agreement | 23/08/2024 | 45733 | n/a | n/a | 3380 |
| 96 | TCTC | €1,125.00 | €1,125.00 | A | PF | Innovazzjoni Digitali ghal kulhadd winter 23- 2024 | 23/08/2024 | 45741 | n/a | n/a | 3380 |
| 97 | Urban Furniture | €232.46 | €232.46 | K | PF | Traffic mirrors and poles | 27/08/2024 | 2359 | 160/24 | 160/24 | 2313 |
| 98 | Wasteserv | €133.10 | €133.10 | NA | PF | Tipping fees for LC waste | 29/07/2024 | 115856 | n/a | n/a | 3040 |
| 99 | Zarb Coaches | €142.00 | €142.00 | T | PF | Transport services for Scouts Dec 2023 | 02/09/2024 | 10016143 | 262/23 | 262/23 | 2720 |
| | | **€96,001.27** | **€95,974.85** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

__________________
Dr Chris Deguara
Sindku

__________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

__________________
Proponent

__________________
Sekondant

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **5 ta' Settembru 2024** |
| **Ħin:** | **11.00am -2.00pm** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Marlon Brincat, il-Kunsillier Pierre Sciberras, Is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg, uffiċjal tal-Kunsill.** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tal-Kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| 13448 | 78371 | jigu diskussi il-proposed EV charging pillar sites godda | | Diskussjoni estensiva wasslet biex ġew approvati numru ta' EV Charging Pillars ġodda hekk kif elenkati fid-dokument mehmuż. Saret diskussjoni wkoll fuq nrumru ta' EV Charging Pillars li kienu ġew approvati preċedentament u li l-Kumitat xtaq rikonsiderazzjoni fuq xi wħud minnhom. |
| 13485 | 79132 | Request for traffic mirrors to be installed in the junction between Triq l-Ingilterra and Triq Korfu. When resident is exiting from garagae number 21 Triq l-Ingilterra, his view is obstructed and therefore cannot see the oncoming traffic from either direction. See picture attached. | Ingilterra | Mhux approvata minħabba li tkun għal użu privat. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li tkun installata mera jekk titħallas mir-resident u ssir mill- u fejn approvat mill-Kunsill. Kull manutenzjoni tibqa' responsabbilta' tal-individwu. |
| 13499 | 79270 | Talba biex isiru speed humps fi Vjal il-Qalbiena Mostin | Qalbiena Mostin | Mhux approvata minħabba l t-triq hija ta' livell ta' distributorja. |
| 13500 | 79270 | Talba għal Speed Camera fi Vjal il-Qalbiena Mostin | Qalbiena Mostin | Nitolbu lil TM għar-rakomandazzjoni tagħhom. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13510 | 79500 | talba biex jigu rilokati il-bus stops "Ommu" li hemm magenb ir-roundabout xhin tinzel mit-telgha t' Alla w Ommu u ghall-approvazzjoni biex napplikaw ghall bus-shelters . Ir-raguni hija biex ikun hemm spazju fejn jintalab bus shelter u min ikun qieghed jistenna mghandux ilqugh mill-elementi. Decizjoni precedenti tal-Kunsill rigward il-bus shelters kienet kienet - w/o 12686 - "Għalkemm mhemmx oġġezzjoni, mhemmx spazju fejn isir u għalhekk mhux possibli li din it-talba tintlaqa". Direzzjoni SOUTH - qabel il-pumping station, Direzzjoni NORTH - Vicin ir-restaurants u Qronfla | Salina | It-talba tgħaddi lill-Malta Public Transport għall-konsiderazzjoni. |
| 13514 | #9704 | Talba biex il-bankina li hemm nieqsa tinżebaħ (bl-aħmar) biex isir passaġġ għal pedonali. (Triq Santa Marija ma Triq San Gwann)<br><br> | San Gwann | Approvata. |
| 13515 | | Talba biex jigu mmarkati linji sofor mal genb ta dar nr 39 u faccata tul it-triq minhabba li l-wisa tat-triq ma tipperemttix parkegg izda minhabba li qed isir parkegg xorta qed tkun ostakolata t-triq. wisa tat-triq bejn 5.2 u 5.5mtrs | Imdina | Jingħaqad id-double yellow line ta' faċċata tad-dar nr 39 u jsiru double yellow lines taħt il-ħajt tas-sejjieħ. |
| 13516 | | Talba biex isir Keep Clear quddiem id-daħla ta' Triq Manwel Magri SJ minn naħa ta' fejn hemm il-parkeġġ ta' fejn il-Maypole peress li ħafna drabi l-karozzi qegħdin jipparkjaw quddiem id-daħla ta' din it-triq. | Manuel Magri SJ | Isiru l-linji tal-karreġjata minn Wesgħat il-Frott sa Triq Manuel Magri (Dan safejn jippermetti li ssir żebgħa minħabba li parti mit-triq mhijiex asphaltata. |
| 13518 | 79832 | Talba biex jiġi installat bollard fil-bidu ta' Triq Santa Luċija, Sqaq Nru. 3 peress li meta vetturi qegħdin jidħlu f'dan l-sqaq qegħdin jostakolaw l-aċċess. Ritratt mehmuż. | Santa Lucija (Sqaq Nru. 03) | Approvat. Isir bollard iswed pulit. |
| 13519 | 79809 | Talba għal Communal Disability Blue Badge Parking Bay ġo Triq is-Salib vicin ir-residenza bin-numru 17. | Salib | Mhux approvata minħabba li fejn hu propost, il-kumitat ma qiesx li tkun ta' benefiċċju għal komunità. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13521 | 77660 | Talba biex issir Speed hump fi Triq Santa Marija. Din ir-rikjesta kienet diga giet diskussa u ma gietx approvata. Ir-resident rega kellimna biex jigbdilna l-attenzjoni li din hi triq dejqa u m 'hemmx bankini u xtaq li din terga tigi kkunsidrata. Ritratt anness. | Santa Marija | Mhux approvata minħabba li tkun ta' inkonvenjent għar-residenti ta' quddiemha. Jiġu mmarkati slow signs u l-linji tal-karreġjata. |
| 13524 | 79474 | FYI - a drop off zone pertaining to CASA MARIA MONTESSORI (childcare) has been approved by TM near 115 Wonderland, Vjal il-Labour, Naxxar. Should be opening in the next couple of months | Labour | Il-Kumitat innota din l-informazzjoni. |
| 13526 | 79803 | Proposal for the bus stop close to Triq Maunuel Debono c/w Triq il-Parrocca, to be removed or relocated in front of Tip Top Store. The current location of this bus stop means that people driving out of Manuel Debono street, are finding it diffcult to see oncoming traffic on Triq il-Parrocca. The proposed new location of the bus stop wouls resolve this issue. | Parrocca | Approvata. Tintbagħat it-talba lil Malta Public Transport. |
| 13527 | 79965 | Request for a new communial Disabled Bay In Vjal il-Labour. Picture attached | Labour | Approvata li ssir quddiem/fil-viċinanzi tal-ħanut Floreal. |
| 13528 | 77246 | Talba biex jiġu estiżi l-ħinijiet u l-ġranet tal-Un/loading Bay li hemm quddiem il-Każin Għaqda Mużikali Marija Bambina Banda Vittorja. Bħalissa tinsab mill-Ħamis sal-Ġimgħa mid-9:00 a.m. sal-12:00 a.m. It-talba hija li jsiru mit-Tlieta sal-Ġimgħa mit-8:30 a.m. sal-4:00 p.m. | Santa Luċija | Approvata li ssir mit-Tlieta sal-Ġimgħa iżda l-ħinijiet jibqgħu l-istess i.e. 9.00am - 12.00pm. |
| 13532 | n/a | talba ghall-clean up after your dog signs fil-green area fejn hemm is-sigar taz-zebbug go Triq A. Darcel | A. Darcel | Mhux approvata |
| 13533 | 79867 | Talba biex titmexxa iktar il-fuq l-speed bump li tinsab fi Triq Forga magenb ir-residenza numru 76, Valley View peress li l-karozzi qegħdin jgħaddu minn mal-genb tal-speed bump biex jevitawha u għalhekk qiegħed jinħoloq periklu ghar-residenti. | Forga | Nitlobu lil IM biex il-hump titkompla sal-bankina. |
| 13538 | | Suġġeriment biex Triq l-Imdina tiġi no entry minn naħa ta' Vjal il -Labour (hdejn il-panda clinic) | Imdina | Mhux approvata. |
| 13542 | n/a | Talba biex issir bankina ta' bejn residenza numru 8 u numru 24 ta' Triq il-Mahlug. Ikkuntattjajna lil IM biex issir din il-bankina pero din ma saritx. | Maħluġ | Approvata - Tiddaħħal fil-lista tal-bankini. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13546 | 80244 / 58510 | talba għall-approvazzjoni ta' Pelican Crossing minflok Zebra crossing viċin Villa Arrigo, Triq San Pawl. TM approval already in hand for a normal zebra crossing. | San Pawl | Approvata. Nistennew li jkollna baġit għaliha jew issir bl-arranġament skont l-MOU mad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet. |
| 13550 | 80116 | talba għall-Zebra/Pelican crossing ġo Triq San Pawl - qabel ir-roundabout T'Alla w Ommu | San Pawl | Mhux approvata. |
| 13554 | 80528 | Talba biex issir road hump quddiem numru 52 Triq l-Eghnieq (residenta taccetta li din issir quddiem id-dar taghha). Residenta qalet li l-karozzi jghaddu b'velocita eccessiva minn din it-triq | Eghnieq | Mhux approvata minħabba li t-triq mhux dejqa u hemm il-bankini fuq iż-żewġ naħat. |
| 13555 | 78759 | Talba biex isir road hump jew xi tip ta' lqugh (barrier) peress li qed ikun hemm hafna aċċidenti f'din il-parti tat-triq ( Triq it-Targa) u anke peress li ħsara qed isir lil boundary wall ta' din l-għalqa tas-sid li qiegħed jagħmel din it-talba. Ritratti u location mehmuża. | Tarġa | Il-Hump se ssir mill-Kunsill tal-Għargħur. Mhux approvat ilqugħ minħabba li jekk iweġġa xi ħadd magħha, il-Kunsill jinżamm responsabbli. |
| 13442 | N/A | **Talba biex terġa tkun diskussa:** Talba biex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq Santa Fawstina Kowalska biex ikun hemm access ghal din it-triq minn triq Santa Marija.<br><br>**Deċiżjoni preċedenti:** Mhux approvata minħabba li titwal ħafna d-dawra għar-residenti tat-triq. | Santa Fawstina Kowalska | Nitolbu lil Fr Michael Agius biex javża waqt il-quddies biex in-nies ma jiqfux fit-triq u joqodu attenti għal karozzi. |
| | | Suġġeriment biex il-bollards li hemm f'tarf it-triq ma' Triq il-Kbira jitneħħew u minnflok issir bankina buildout. | Salib | Approvata - Tidaħħal fil-lista tal-bankini. |